MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1500/1993/1

**Amadeo Cassar**

***Versus***

**Maria u Joseph konjuġi Borg; u b'dikriet tal-21 ta' Ġunju 2002*, stante* l-mewt ta' Maria Borg, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Josephine, Jennifer u Charlotte aħwa Borg**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob kumpens talli l-konvenuti għamlu ħsara fi ħwejġu.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur joqgħod fl-appartament numru tlieta (3), *Suncrest Court*, Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar, fejn iżomm il-ħwejjeġ mobbli kollha tiegħu. Il-konvenuti, bi ksur tal-liġi, daħlu f'dan il-fond, ħebbew għall-attur u bdew jarmu l-ħwejjeġ ta' l-attur 'il barra, b'mod illi xi wħud minnhom tkissru jew saritilhom il-ħsara, u l-attur ġarrab danni ta' ħames mitt lira (Lm500).

Għalhekk l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti,

iħallsuh ħames mitt lira (Lm500), jew somma aktar korretta, flimkien ma' l-imgħaxijiet sa meta jsir il-ħlas u l-ispejjeż.

Il-konvenuti baqgħu kontumaċi. Il-konvenut Joseph Borg talab li jiġġustifika l-kontumaċja iżda t-talba tiegħu kienet miċħuda b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Mejju 1995[1]. Il-konvenut appella minn dik is-sentenza iżda l-appell tiegħu ġie deżert b'dikriet mogħti mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Jannar 1997[2].

Mix-xhieda mhix kontradetta ta' l-attur ħareġ illi l-istess attur kien joqgħod f'appartament proprjetà tal-konvenuti. Billi lil dawn dehrilhom illi l-attur kien qiegħed iżomm il-fond mingħajr titolu, daħlu fil-fond kontra r-rieda tiegħu, ħebbew għalih u għamlulu ħsara fi ħwejġu.

Jekk il-konvenuti kellhom jedd jieħdu l-fond lura, dan ċertament ma kienx jagħtihom jedd illi jieħdu l-liġi f'idejhom, u għalhekk għandhom iwieġbu għall-ħsara li għamlu. Billi din il-ħsara saret dolożament, il-konvenuti flimkien għandhom jagħmlu tajjeb għaliha.

Il-qorti hija sodisfatta mix-xhieda ta' l-attur illi l-ħsara ma kinitx anqas minn ħames mitt lira (Lm500) u għalhekk qiegħda tillikwida d-danni fis-somma ta' ħames mitt lira (Lm500).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, tgħid illi l-konvenuti għandhom jagħmlu tajjeb għall-ħsara lil għamlu lill-attur, tillikwida d-danni fis-somma ta' ħames mitt lira (Lm500) u tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu lill-attur is-somma ta' ħames mitt lira (Lm500) flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż kollha mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

1 *Foll.* 28 *et seqq.*

2 *Fol.* 36.